**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 448/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**MONCEF BEN AMMAR AIDI**
**(ID: 18706A)**

**Illum, 24 ta' Jannar 2019**

Il-Qorti,

Rat illi l-imputat **MONCEF BEN AMMAR AIDI** detentur tal-karta tal-identita' numru 18706A, gie akkuzat talli:

Nhar it-30 ta' Gunju 2018 wettaq diversi atti magħmulin minnhu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal- liġi u kienu ġew maghmula b' riżoluzzjoni waħda; minn ġewwa diversi ħwienet ġewwa Paola, bejn 14:00hrs u 16:00hrs,

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta'Joseph Bartolo u/jew persuni u/jew intrappriżi oħra, billi uża minghajr jedd 'Cashlink Card' partenenti lil Joseph Bartolo, sabiex jakkwista oġġetti b' valur ta' €32.19 (tnejn u tletin ewro w dsatax –il centezmu) mill- istabbiliment Antonio Piscopo Wines, Paola;

2. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta'Joseph Bartolo u/jew persuni u/jew intrappriżi oħra, billi uża minghajr jedd 'Cashlink Card' partenenti lil Joseph Bartolo sabiex takkwista oġġetti b' valur ta' €105.30 (mija u hames ewro w tletin centezmu) mill- istabbiliment Antonio Piscopo Wines, Paola;

3. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta'Joseph Bartolo u/jew persuni u/jew intrappriżi oħra billi uża minghajr jedd 'Cashlink Card' partenenti lil Joseph

Bartolo sabiex jakkwista oġġetti b' valur ta' €188.00 (mija, tmienja u tmenin ewro) mill-istabbiliment Sorbino, Paola.

4. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta'Joseph Bartolo u/jew persuni u/jew intrappriżi oħra billi uża 'Cashlink Card' partenenti lil Joseph Bartolo sabiex jakkwista oġġetti b'valur ta' €61.97 (wiehed u sittin ewro w seba' u disghin centezmu) u mill-istabbiliment Square Deal, Paola;

5. Bil-ħsieb li jakkwista oġġetti bil-valur ta' €689.00 (sitt mija, disa' u tmenin ewro) mill-istabbiliment Matrix, Paola permezz tal-użu minghajr jedd ta' 'Cashlink Card' partenenti lil Joseph Bartolo, wera dan il-ħsieb b' atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi:

   B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, sabiex jaghmel qligħ bi ħsara ta'Joseph Bartolo u/jew persuni u/jew intrappriżi oħra; liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2019, l-imputat waqt l-ezami, ammetta l-htija tieghu, u dan billi wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu;

Rat illi l-imputat ikkonferma din l-ammissjoni ta' htija anke wara li l-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi ta' din it-twegiba, kif ukoll wara li nghata ftit hin biex jirrikunsidra l-pozizzjoni tieghu;

Rat l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza dwar il-piena;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat, fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2019, ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess akkuzi.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom in-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinsab hati, ossia l-uzu qarrieqi u minghajr jedd ta' 'Cashlink Card' appartenenti lil terzi sabiex akkwista oggetti minn diversi stabbilmenti. L-imputat gie mixli, u qed jinstab hati, fuq erba' kapi separati ta' frodi b'eghmil qarrieqi bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kap iehor ta' attentat separat ta' frodi b'eghmil qarrieqi.

Il-Qorti hadet ukoll qies tal-fedina penali tal-imputat, li m'hijiex wahda wisq oneruza, l-ammissjoni bikrija tieghu kif ukoll il-fatt illi, kif sottomess bi qbil bejn id-difiza u l-Prosekuzzjoni, l-imputat ikkoopera bis-shih tal-Pulizija tul l-investigazzjonijiet u minn dejjem wera ruhu dispost illi jhallas lura l-valur fi flus li akkwista illegalment bit-twettiq ta' dawn ir-reati.

Kwantu ghall-ewwel erba' imputazzjonijiet, fuq ammissjoni l-imputat qed jinsab hati illi f'erba' okkazzjonijiet differenti ghamel qligh qarrieqi bi hsara ta' Joseph Bartolo fis-somma globali ta' tliet mija u sebgha u tmenin Euro u sitta u erbghin centezmu (€387.46). Ai termini tal-Artikolu 310(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-ammont tal-hsara mertu ta' dawn l-erba' imputazzjonijiet ma jeccedix komplessivament is-somma ta' hames mitt Euro (€500), il-piena tkun ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sitt xhur.

L-imputat qieghed jinsab hati wkoll fuq ammissjoni, tal-hames imputazzjoni li hija l-iktar wahda gravi stante illi ghalkemm bhala tentattiv tad-delitt, huma applikabbli d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 41 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ammont tal-hsara f'dan il-kaz[1] jeccedi s-somma ta' hames mitt Euro (€500). Izda billi l-piena stipulata fl-Artikolu 308[2] hija oghla mill-piena stabbilita fl-Artikolu 310(1)(b) [3], ghall-hames imputazzjoni jsibu riskontru d-dispozizzjonijiet tal-*proviso* tal-istess Artikolu 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 b'dan illi l-piena applikabbli ghal dan ir-reat hija ta' prigunerija minn sena sa seba' snin. Fl-istess waqt pero` il-piena ghandha tigi mnaqqsa bi grad jew tnejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 41(1)(a) tal-istess Kapitolu 9.

---

[1] €689.

[2] Sena sa seba' snin prigunerija.

[3] Prigunerija ghal zmien sitt xhur sa erba' snin.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, mehud qies tal-kooperazzjoni tal-imputat u d-dispozizzjoni tieghu li jirrestitwixxi l-flus akkwistati minnu bit-twettiq ta' dawn ir-reat, il-Qorti sejra tapplika tnaqqis ta' zewg gradi fil-piena stabbilita ghar-reat mertu tal-hames imputazzjoni u sejra tapplika dik il-piena hekk kif imnaqqsa, fil-*minimum* taghha.

Ferm dawn il-konsiderazzjonijiet appena maghmula u applikati d-dispozizzjonijiet relevanti fuq citati, il-piena komplessiva li sejra tigi erogata fil-konfront tal-imputat ghall-hames akkuzi li taghhom qed jinsab hati, kalibrata b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9, hija ta' prigunerija ghal zmien disa' (9) xhur.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(b), 31(1), 308, 310(1)(b) u 310(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti qieghda ssib lil MONCEF BEN AMMAR AIDI hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah piena ta' disa' (9) xhur prigunerija, izda, peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussistu ragunijiet validi biex it-terminu ta' prigunerija jigi sospiz bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' tmintax-il (18) xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tordna lil MONCEF BEN AMMAR AIDI li jhallas lill-parti offiza s-somma komplessiva ta' tliet mija u disghin Euro (€390) bhala kumpens ghal-qliegh illegali akkwistat bi hsara tal-imsemmija parti offiza permezz tar-reat li**

**tieghu qieghed jinstab hati, liema hlas ghandu jsir fi zmien mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) u 28G(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija u/jew jekk ikun hemm nuqqas ta' konformita` ma` l-ordni mahrug bis-sahha ta` l-Artikolu 28G.**

**Billi ma nhatru ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta' spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti.**

**Il-Qorti qieghda tordna li l-atti tal-proceduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol.**

**Dr. Rachel Montebello**

**Magistrat**